MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 524/2010

**Paul (KI 321275M) u Caroline (KI 351674M) konjugi Buttigieg**

***kontra***

**1. Filomena (KI 370088M) u Alfred Mario konjugi Galea (KI 360059M)**

**2. Lilian (KI 305788M) u Gordon (KI 0094858M) konjugi Wood**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fil-21 ta` Mejju 2010 li jaqra hekk –

*Illi b`kuntratt ta` donazzjoni datat hamsa u ghoxrin (25) ta` Gunju 1996 sussegwentement korrett b`kuntratt datat ghoxrin (20) ta` Awissu 1996 it-tnejn fl-atti tan-Nutar Francis Micallef (Dok PB1 u PB2) ir-rikorrent akkwista, apparti proprjeta` ohra, l-porzjon ta` art retroposta ghal fond numru erbgha bl-ittra A (4A), Triq San Pietru, Mgarr, Malta mmarkata bl-ittri CDEF fuq il-pjanta annessa mal-fuq citat kuntratt tal-(25) ta` Gunju 1996 tal-kejl cirka erba` u disghin punt tmienja erbgha seba` metri kwadri (94.847m2) (Dok. PB3) u tmiss mil-lvant mal-istess triq, tramuntana ma` proprjeta` tar-rikorrent u punent mat-Tempji ta` Hagrat, u dina minghand l-intimata Liliana Wood, kif tirrizulta wkoll mis-site plan / survey mmarkat Dok. PB4.*

*Illi b`kuntratt datat hdax (11) ta` Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon l-intimata Wood Lilian bieghet l-istess porzjoni ta` art lill-intimata l-ohra Galea Filomena (DOK. PB5).*

*Illi ghalkemm interpellati biex jaddivjenu bejniethom ghal kuntratt ta` korrezzjoni biex jeskludu din l-istess porzjoni li tappartjeni unikament u interament lir-rikorrent, huma baqghu inadempjenti. Illi l-intimati Alfred Mario Galea u Gordon Wood huma l-irgiel tal-intimati nisa u Caroline Buttigieg hija l-mara tar-rikorrenti.*

*Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex : -*

*1. Tiddikjara li l-porzjon ta` art retroposta ghal fond numru erbgha bl-ittra A (4A), Triq San Pietru, Mgarr, Malta mmarkata bl-ittri CDEF fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt tal-(25) ta` Gunju 1996 tal-kejl cirka erbgha u*

*disghin punt tmienja erbgha sebgha metri kwadri (94.847m2) u tmiss mil-lvant mal-istess triq, tramuntana ma` proprjeta` tar-rikorrent u punent mat-Tempji ta` Hagrat u akkwistat minghand Lilian Wood hija proprjeta` tar-rikorrent Buttigieg Paul.*

*2. Tikkundanna lill-intimati sabiex jersqu ghal kuntratt ta` korrezzjoni ghal kuntratt datat (11) ta` Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon biex tigi eskluza l-istess porzjon ta` art fuq indikata.*

*3. Tinnomina nutar pubbliku biex jippubblika l-att relattiv.*

*4. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghal eventwali kontumaci fuq il-kuntratt.*

*5. Tiffissa jum, hin u lok ghal pubblikazzjoni tal-istess kuntratt.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati u ngunti minn issa ghas-subizzjoni, salv kull azzjoni spettanti nkluz dik ta` danni kontra l-istess intimati.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti kollha prezentata fil-21 ta` Gunju 2010 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi, b`referenza ghall-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili, l-att notarili tal-hamsa u ghoxrin (25) ta`*

*Gunju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) huwa null u bla ebda effett fil-Ligi stante li r-rikorrent permezz ta` theddid u biza` u b`qerq wassal lill-istess Lilian Wood neé Buttigieg taghti b`donazzjoni l-porzjon ta` art retroposta proprjeta` ghal fond numru erbgha ittra A (4A) f`Saint Peter Street, l-Imgarr, Malta, tal-kejl cirka erba` u disghin punt tmienja erbgha seba` metri kwadri (94.847m2), u konsegwentement ma tistax tintalab li ssir korrezzjoni ta` l-Att li fih innifsu huwa null.*

*2. Illi f`kull kaz kif ir-rikorrenti jaf ben tajjeb qatt ma kienet l-intenzjoni tal-intimata Lilian Wood neé Buttigieg illi tiddona lir-rikorrenti l-art in kwistjoni.*

*3. Illi l-esponenti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mid-dritt tal-kontro-talba.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat il-kontrotalba tal-konvenuti kollha li taqra hekk –

*1. Illi nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Gunju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) l-intimati Lilian Wood neé Buttigieg u Filomena Galea neé Buttigieg permezz ta` Att inskritt fl-Atti tan-Nutar Francis Micallef, l-intimati gew kostretti jiddonaw proprjeta` u art lil huhom Paul Buttigieg, ir-rikorrent, u dan wara li r-rikorrent permezz ta` theddid, biza` u b`qerq wassal lill-istess Lilian Wood neé Buttigieg u lil Filomena Galea neé Buttigieg jiffirmaw l-Att li ghalih qeghda ssir referenza, liema Att gie ffirmat mill-komparenti kollha qabel ma saret is-solita lettura tieghu, liema Att ta` lok biex sar it-trasferiment ta`*

*proprjeta` u l-art li ghaliha qeghda ssir referenza mir-rikorrenti.*

*2. Illi dak in-nhar ta` l-iffirmar ta` l-Att tal-hamsa u ghoxrin (25) ta` Gunju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996), l-intimati qatt ma kellhom l-intenzjoni li jiddonaw lil huhom Paul Buttigieg l-ebda proprjeta` jew art, tant li meta sar trasferiment bejn l-intimati Lilian Wood neé Buttigieg u Filomena Galea neé Buttigieg fl-Att datat (11) ta` Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) inskritt fl-Atti tan-Nutar Pierre gie trasferit il-fond bla isem, bin-numru erbgha (4), ittra A sitwat f`Saint Peter Street, Mgarr Malta, inkluza l-arja libera tieghu kif ukoll l-art retroposta ghall-istess fond tal-kejl superficjali ta` cirka 94.847m2.*

*3. Illi l-intimati gew a konoxxenza tal-fatt li l-art tal-kejl superficjali ta` cirka 94.847m2 retroposta l-fond bla isem, bin-numru erbgha (4), ittra A sitwat f`Saint Peter Street, Mgarr Malta, inkluza l-arja libera tieghu giet trasferita lil huhom Paul Buttigieg meta rcevew ittra mill-Avukat tar-rikorrenti datata 7 ta` April 2010, hawn esebita, annessa u mmarkata Dok. 'A1' jinterpellahom sabiex jersqu ghall-Att ta` Korrezzjoni u ratifika u dan sabiex l-art in kwistjoni terga` tirreverti fuq ir-rikorrenti.*

*4. Illi kien proprju wara li rcevew l-ittra li ndunaw bil-qerq li kien ezercita fuqhom ir-rikorrenti dak in-nhar tal-(25) ta` Gunju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) fejn permezz ta` Att ta` donazzjoni trasferew proprjeta` u art su riferita u li dan ghamluh minghajr ma kienu a konoxxenza ta` dak li kien qed isir minhabba l-biza` li huma kellhom mir-rikorrenti Paul Buttigieg.*

*Ighidu ghalhekk ir-rikorrenti ghaliex din l-Onorabli Qorti ma ghandhiex : -*

*1. Tiddikjara li l-Att datat hamsa u ghoxrin (25) ta` Gunju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) innifsu u li ghalih qeghda ssir referenza huwa null stante li kien ivvizzjat ghall-finijiet ta` l-Artikolu 1222 tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tordna n-nullita ta` l-Att datat hamsa u ghoxrin (25) ta` Gunju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996) stante illi f`kull kaz, l-intenzjoni ta` l-intimata Lilian Wood neé Buttigieg qatt ma kienet dik li hi tiddona lil huha Paul Buttigieg il-proprjeta` nkluza l-art retroposta kif indikata u deskritta, tant li meta sar l-Att datat hdax (11) ta` Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) inskritt fl-Atti tan-Nutar Pierre Falzon bejn Lilian Wood neé Buttigieg u Filomena Galea neé Buttigieg kienet giet trasferita l-proprjeta numru erbgha, ittra A (4A) f`Saint Peter Street, l-Imgarr, Malta, kif ukoll giet trasferita fl-istess Att l-art li ghaliha qieghda ssir referenza u liema art qieghda tigi kkontestata mir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, u b`rizerva ghad-danni fuq imsemmija li jintalbu fi proceduri separati, u interessi legali kontra s-socjeta` attrici rikonvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti rikonvenzjonanti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mal-kontrotalba.

Rat ir-risposta mahlufa tal-atturi rikonvenzjonati prezentata fil-20 ta` Ottubru 2010 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok l-irritwalita` tal-azzjoni rikonvenzjonali tal-intimati rikonvenzjonanti stante li trattandosi ta` azzjoni ghal dikjarazzjoni ta` nullita` totali jew parzjali ta` kuntratt, kellha ssir azzjoni ad hoc u mhux japprofittaw ruhhom mill-azzjoni attrici.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dekadenza tal-azzjoni rikonvenzjonanti stante li l-kuntratt lamentandi gie ppubblikat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta` Gunju 1996. Inoltre gie ppublikat att ta` korrezzjoni mill-istess Nutar Francis Micallef datat ghoxrin (20) ta` Awissu 1996.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost una volta qed tintalab dikjarazzjoni totali jew parzjali ta` nullita tal-kuntratt kellha ssir unikament mill-intimati konjugi Wood. Illi ghalkemm sar kuntratt wiehed bejn it-tliett (3) ahwa Buttigieg, qed isir enfasi fuq il-parti tal-kuntratt bejn Buttigieg Paul u Lilian Wood neé Buttigieg li hija allegatament null, pero` dik bejn Buttigieg Paul u Filomena Galea neé Buttigieg hija totalment valida.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat hamsa u ghoxrin (25) ta` Gunju 1996 huwa validu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi. Huwa sinjifikanti li ma saritx talba simili ghal kuntratt li gie ppublikat sussegwentement mill-istess Nutar Pubbliku fil-ghoxrin (20) ta` Awwissu 1996 u dana bejn l-istess partijiet u liema kuntratt kien jirreferi ghal kuntratt meritu ta` din il-kontro talba.*

*5. Illi l-esponent ma kkommetta l-ebda azzjoni allegata fil-konfront tieghu mill-intimati. Inoltre n-Nutar pubblikatorju ppublika l-kuntratt kif suppost.*

*6. Salv risposti ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi rikonvenzjonati, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali tal-udjenzi kollha ta` din il-kawza nkluza dik tal-lum.

Rat in-nota tal-konvenuti prezentata llum fejn kienu ammessi t-talbiet attrici.

Rat ukoll in-nota presentata llum mill-konvenuti li permezz taghha huma cedew il-kontrotalba.

Rat l-atti tal-kawza.

**Accertata l-ammissjoni tat-talbiet attrici, u c-cessjoni tal-kontrotalba, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontrotalba.**

**2) Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara li l-porzjon ta` art retroposta ghal fond numru erbgha bl-ittra A (4A), Triq San Pietru, Mgarr, Malta mmarkata bl-ittri CDEF fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt tal-25 ta` Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef tal-kejl ta` cirka erbgha u disghin punt tmienja erbgha sebgha metri kwadri (94.847m2) u tmiss mil-lvant mal-istess triq, tramuntana ma` proprjeta` tar-rikorrent u punent mat-Tempji ta` Hagrat u akkwistata minghand Lilian Wood hija proprjeta` tar-rikorrent Paul Buttigieg.**

**3) Tilqa` t-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet billi filwaqt illi tordna li ssir korrezzjoni tal-kuntratt tal-11 ta` Gunju 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon sabiex tigi eskluza l-porzjon art fuq indikata, tordna**

**lill-partijiet sabiex jersqu ghall-att korrettorju tal-kuntratt. Ghal dan l-iskop qeghda tahtar lin-Nutar Dottor Tony Abela sabiex jippubblika l-att korrettorju, u lill-Avukat Dottor Chantelle Bonnici sabiex tidher ghal eventwali kontumaci.**

**4) Tilqa` l-hames talba u tordna li l-att korrettorju jigi pubblikat illum fis-1.30 p.m. fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**5) Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza u tal-att korrettorju jithallsu in kwantu ghal terz mill-atturi Paul u Caroline konjugi Buttigieg, in kwantu ghal terz mill-konvenuta Filomena u Alfred Mario konjugi Galea, u in kwantu ghal terz mill-konvenuti konjugi Lilian u Gordon konjugi Wood.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------